Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 21 ta' Ġunju 2022**
**(OR. en)**

**10429/22**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0204(COD)**

**TRANS 410**
**RELEX 835**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 21 ta' Ġunju 2022 |
| lil: | Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2022) 313 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi miżuri speċifiċi u temporanji, fid-dawl tal-invażjoni Russa fl-Ukrajna, fir-rigward tad-dokumenti tas-sewwieqa maħruġa mill-Ukrajna f'konformità mal-leġiżlazzjoni tagħha |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 313 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 313 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.6.2022
COM(2022) 313 final

2022/0204 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jistabbilixxi miżuri speċifiċi u temporanji, fid-dawl tal-invażjoni Russa fl-Ukrajna, fir-rigward tad-dokumenti tas-sewwieqa maħruġa mill-Ukrajna f'konformità mal-leġiżlazzjoni tagħha**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fl-ewwel għaxar ġimgħat tal-invażjoni Russa fl-Ukrajna li bdiet fl-24 ta' Frar 2022, aktar minn ħames miljun persuna telqu mill-Ukrajna, biex jaħarbu mill-kunflitt armat u jfittxu kenn fil-pajjiżi ġirien, l-aktar fl-Unjoni Ewropea[1]. Sa mill-4 ta' Marzu 2022, l-UE stabbiliet l-eżistenza ta' influss bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna, u offriet protezzjoni temporanja lill-persuni spostati[2]. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 tal-4 ta' Marzu 2022 tistabbilixxi l-kategoriji ta' persuni intitolati għal protezzjoni temporanja jew protezzjoni adegwata skont il-liġi nazzjonali. Il-protezzjoni temporanja tinvolvi d-dritt li jinħareġ permess ta' residenza għall-perjodu kollu tal-protezzjoni u li jingħata aċċess, fost l-oħrajn, għall-akkomodazzjoni, l-iskejjel, il-kura tas-saħħa u l-impjiegi. Permess ta' residenza maħruġ minn xi Stat Membru jagħti d-dritt lil persuna biex tivvjaġġa fl-Unjoni għal 90 jum f'perjodu ta' 180 jum.

Liċenzja tas-sewqan ittejjeb il-mobbiltà tad-detentur tagħha u tiffaċilita l-ħajja ta' kuljum għax tippermettilu jsuq vetturi bil-magna fit-toroq pubbliċi. F'dan il-kuntest, din tippromwovi l-parteċipazzjoni tal-persuni bi protezzjoni temporanja jew protezzjoni adegwata skont il-liġi nazzjonali fl-attivitajiet ekonomiċi u soċjali fl-ambjent il-ġdid tagħhom.

F'konformità mal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni dwar it-Traffiku fit-Toroq magħmula fi Vjenna fl-1968 (minn hawn 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Vjenna"), kull Parti Kontraenti tirrikonoxxi l-permessi tas-sewqan domestiċi u/jew internazzjonali maħruġa kif dovut minn Parti Kontraenti oħra, f'ċerti kundizzjonijiet. L-Ukrajna u 23 Stat Membru rratifikaw il-Konvenzjoni ta' Vjenna u japplikaw id-dispożizzjonijiet tagħha fir-relazzjonijiet ta' bejniethom; madankollu, Spanja ma rratifikatx il-Konvenzjoni ta' Vjenna, filwaqt li Ċipru, Malta u l-Irlanda mhumiex Partijiet għaliha.

Ir-regoli u l-proċeduri relatati mar-rikonoxximent u l-iskambju tal-liċenzji tas-sewqan ta' pajjiżi terzi jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor, fost l-oħrajn ikunu jiddependu fuq id-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom jew ta' dawk fil-ftehimiet bilaterali eżistenti bejn l-Istati Membri u l-pajjiż terz inkwistjoni. Fil-każ tal-persuni bi protezzjoni temporanja jew protezzjoni adegwata skont il-liġi nazzjonali b'liċenzja tas-sewqan valida maħruġa mill-Ukrajna, jixraq jiġi previst qafas armonizzat għar-rikonoxximent tal-liċenzji tas-sewqan fit-territorju tal-Unjoni, sakemm itul il-perjodu tal-protezzjoni temporanja.

Bħala regola ġenerali, jenħtieġ li l-persuni bi protezzjoni temporanja jew protezzjoni adegwata skont il-liġi nazzjonali, b'liċenzja tas-sewqan valida maħruġa mill-Ukrajna jkunu jistgħu jużaw il-liċenzja tas-sewqan tagħhom fit-territorju tal-UE sakemm itul il-perjodu tal-protezzjoni temporanja. Fid-dawl tan-natura temporanja tal-protezzjoni, jenħtieġ li ma jkunx hemm il-ħtieġa li liċenzja tas-sewqan Ukrena tiġi skambjata ma' waħda maħruġa minn Stat Membru. Dan inaqqas b'mod konsiderevoli l-piż fuq l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, għax inkella potenzjalment ikollhom jiskambjaw miljuni ta' liċenzji tas-sewqan Ukreni. Fl-istess ħin, il-persuni bi protezzjoni temporanja jew protezzjoni adegwata skont il-liġi nazzjonali mhux se jkollhom jgħaddu minnufih minn test ieħor tal-liċenzja tas-sewqan

[1] Sors: il-UNHCR (https://data2.unhcr.org/en/situations/ukraine)

[2] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 tal-4 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influss bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja, ĠU L 71, 4.3.2022, p. 1.

prattiku u/jew tat-teorija – li ħafna drabi jkunu b'lingwa barranija għalihom – u/jew jagħmlu eżamijiet mediċi fl-Istat Membru tar-residenza temporanja tagħhom.

F'konformità mal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar it-Traffiku fit-Toroq, il-Partijiet Kontraenti jistgħu jirrikjedu li d-detentur ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Parti Kontraenti oħra jkollu permess tas-sewqan internazzjonali (ibbażat fuq format armonizzat) flimkien mal-permess tas-sewqan domestiku. F'dan ir-rigward, il-prattiki bejn l-Istati Membri jvarjaw u f'ċerti Stati Membri, id-detenturi tal-liċenzji tas-sewqan Ukreni spiss ikun jeħtiġilhom jiksbu permess tas-sewqan internazzjonali, b'mod partikolari meta l-permessi tas-sewqan domestiċi jkunu miktuba b'ittri Ċirilliċi biss, filwaqt li fi Stati Membri oħra dan mhuwiex il-każ. Sakemm tibqa' għaddejja l-gwerra fl-Ukrajna se jkun kważi impossibbli li d-detenturi tal-liċenzji tas-sewqan Ukreni jiksbu permess tas-sewqan internazzjonali mingħand il-korpi kompetenti Ukreni. Għalhekk, jenħtieġ li l-persuni bi protezzjoni temporanja u protezzjoni adegwata skont il-liġi nazzjonali jiġu eżentati mir-rekwiżit li jkollhom permess tas-sewqan internazzjonali minbarra dak Ukren, għal mill-inqas sakemm itul il-perjodu tal-protezzjoni temporanja. F'dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali jenħtieġ li anki t-traduzzjoni ċċertifikata tal-liċenzji tas-sewqan Ukreni tiġi rinunzjata , peress li din tista' tkun għalja u tikkawża spejjeż addizzjonali għal persuni li possibbilment tilfu t-tifdil kollu tagħhom biex jaħarbu minn pajjiżhom. Barra minn hekk, huma ftit it-tradutturi ċċertifikati stabbiliti barra l-bliet il-kbar madwar l-Unjoni Ewropea, u ħafna drabi l-persuni jintalbu jippreżentaw id-dokumenti oriġinali personalment biex tkun tista' ssirilhom traduzzjoni ċċertifikata.

Kunsiderazzjonijiet simili japplikaw għaċ-ċertifikati ta' kompetenza professjonali (CPC) tas-sewwieqa tal-karozzi tal-linja u tat-trakkijiet. Dawn is-CPCs spiss ikollhom validità amministrattiva ta' mhux aktar minn ħames snin, f'konformità mad-Direttiva 2003/59/KE[3], li l-Ukrajna diġà implimentat għas-sewwieqa involuti fl-operazzjonijiet tat-trasport internazzjonali[4]. Fid-dawl tal-kuntest, jenħtieġ li s-sewwieqa professjonali kwalifikati li ħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna jingħataw aċċess adegwat għall-attivitajiet ekonomiċi fl-UE. Bil-ħsieb li ssir implimentazzjoni armonizzata effettiva tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din il-proposta, il-Kummissjoni se torganizza skambji ta' fehmiet dwar ir-regoli nazzjonali adottati mill-Istati Membri mal-esperti maħtura skont l-Artikolu 11a(4) tad-Direttiva 2003/59/KE.

Kif deskritt fil-pjan ta' azzjoni dwar il-Korsiji ta' Solidarjetà bejn l-UE u l-Ukrajna, u f'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-aċċess tas-sewwieqa professjonali mill-Ukrajna għal impjieg fl-Unjoni Ewropea jiġi ffaċilitat billi jiġu definiti regoli speċifiċi dwar il-ħruġ taċ-ċertifikati ta' kompetenza professjonali lis-sewwieqa professjonali Ukreni. Fil-kuntest tan-nuqqas ġenerali dejjem jikber ta' sewwieqa tat-trakkijiet, ir-rabtiet loġistiċi alternattivi bejn l-UE u l-Ukrajna u l-aċċess kontinwu tal-Ukrajna għas-swieq tal-esportazzjoni tagħha jenħtieġ li jissaħħu wara l-imblukkar attwali tal-portijiet tagħha fil-Baħar l-Iswed.

Il-liċenzji tas-sewqan u ċ-ċertifikati ta' kompetenza professjonali normalment ikunu soġġetti għal perjodu ta' validità limitat. Madankollu, sakemm tibqa' għaddejja l-gwerra fl-Ukrajna, din aktarx ma tkunx tista' tiżgura l-appoġġ amministrattiv meħtieġ biex dawn id-dokumenti jiġġeddu individwalment. F'din is-sitwazzjoni straordinarja, il-gvern Ukren jista' jiddeċiedi li jestendi l-validità ta' dawn id-dokumenti. F'dak il-każ, jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri

[3] Id-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2003 dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għall-ġarr ta' merkanzija jew passiġġieri, li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u d-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 76/914/KEE (ĠU L 226 10.9.2003, p. 4).

[4] F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Anness XXXII tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna tal-2014 (ĠU L 161, 29.5.2014, p. 1961-1967). Għas-sewwieqa involuti biss fl-operazzjonijiet tat-trasport nazzjonali fl-Ukrajna, l-implimentazzjoni tad-Direttiva kienet prevista għall-1 ta' Novembru 2019, iżda ddewmet.

jiġu infurmati b'mod adegwat mill-Ukrajna dwar dawn l-estensjonijiet. Jenħtieġ li l-Istati Membri jirrikonoxxu l-validità estiża tal-liċenzji tas-sewqan Ukreni li jiskorru l-perjodu ta' validità amministrattiv tagħhom, mill-inqas sa tmiem il-perjodu tal-protezzjoni temporanja.

Waqt li jkunu qed jaħarbu mill-gwerra, ħafna drabi l-persuni jintilfulhom jew jinsterqulhom dokumenti importanti bħal liċenzji tas-sewqan jew ċertifikati ta' kompetenza professjonali, jew inkella jħalluhom warajhom fiż-żona tal-gwerra mingħajr il-possibbiltà immedjata li jirkuprawhom. F'każijiet bħal dawn, soġġetti għal verifika, pereżempju, mar-reġistru elettroniku tal-liċenzji tas-sewqan nazzjonali tal-Ukrajna, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu f'pożizzjoni li joħorġu liċenzji temporanji li jissostitwixxu dawk oriġinali għall-perjodu tal-protezzjoni temporanja. L-aċċess għar-reġistru tal-liċenzji tas-sewqan Ukren mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jiffaċilita dan il-pass. Mingħajr il-possibbiltà li tiġi vverifikata l-awtentiċità tal-informazzjoni pprovduta mill-persuni spostati, jenħtieġ li l-Istati Membri jirrifjutaw li joħorġu dawn id-dokumenti tas-sewwieqa temporanji. Barra minn hekk, skont il-Ministeru Ukren għat-Trasformazzjoni Diġitali, inħarġu kważi 5,7 miljun liċenzja tas-sewqan permezz tal-applikazzjoni mobbli u l-portal taċ-ċittadini, DIIA (li tfisser "Azzjoni"). L-applikazzjoni DIIA tippermetti l-ħruġ u l-verifika ta' dokumenti elettroniċi u l-għoti ta' servizzi pubbliċi. Minkejja l-fatt li l-applikazzjoni DIIA ma tikkonformax mal-istandard ISO 18013-5 dwar il-liċenzji tas-sewqan mobbli ppubblikat f'Settembru 2021, din toffri l-possibbiltà li jiġu vverifikati d-drittijiet tas-sewqan rilevanti għas-sitwazzjoni eċċezzjonali indirizzata minn dan ir-Regolament.

Fl-aħħar nett, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jindirizzaw iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali u jistabbilixxu l-eżenzjonijiet li jenħtieġ li ma jiġux replikati f'ċirkostanzi normali. Għalhekk, huwa partikolarment importanti li l-infurzar ta' dan ir-Regolament ma jwassalx biex l-utenti tat-triq u l-persuni miexja jitpoġġew f'riskju, billi jippermetti lill-persuni li ma għandhomx il-kapaċità għas-sewqan isuqu fit-toroq tal-UE. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li jiġu implimentati miżuri adegwati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għall-fini tal-ġlieda kontra l-frodi u l-falsifikazzjoni.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament propost jikkumplimentaw ir-regoli eżistenti tal-Unjoni dwar il-liċenzji tas-sewqan (id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-liċenzji tas-sewqan[5]) u dwar il-kwalifika inizjali u t-taħriġ perjodiku tas-sewwieqa ta' ċerti vetturi għat-trasport tal-merkanzija jew tal-passiġġieri bit-triq (id-Direttiva 2003/59/KE). L-ebda waħda miż-żewġ direttivi ma fiha regoli dwar ir-rikonoxximent tad-dokumenti rilevanti maħruġa minn pajjiżi terzi. Madankollu, huwa meħtieġ qafas komuni fil-kuntest speċifiku u straordinarju li jirriżulta mill-aggressjoni militari Russa mhux provokata u mhux ġustifikata kontra l-Ukrajna, għax dan ikun jippermetti approċċ amministrattiv li jnaqqas il-piż burokratiku u fl-istess ħin jiżgura s-sikurezza fit-toroq madwar l-Unjoni.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta tikkumplimenta r-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni temporanja lill-persuni spostati, b'mod partikolari d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 tal-4 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influss bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE[6], li għall-ewwel darba stabbiliet l-eżistenza ta' influss bil-massa fl-Unjoni ta' persuni spostati li kellhom jitilqu mill-Ukrajna minħabba kunflitt armat f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20

[5] ĠU L 403, 30.12.2006, p. 18.
[6] ĠU L 71, 4.3.2022, p. 1.

ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn[7]. Din il-proposta tippermetti lil dawk il-persuni spostati jużaw id-dokumenti meħtieġa għas-sewqan ta' vetturi bil-mutur fin-network tat-toroq pubbliċi tal-Unjoni u għat-twettiq tal-attività professjonali tas-sewqan, u b'hekk tippromwovi l-integrazzjoni ekonomika u soċjali ta' dawk il-persuni spostati. Din il-proposta tipprevedi wkoll ċerti derogi minuri mid-Direttiva 2003/59/KE u mid-Direttiva 2006/126/KE li jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tas-sitwazzjoni.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika hija l-Artikolu 91(1)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

- **Sussidjarjetà**

L-Unjoni diġà adottat azzjoni leġiżlattiva fil-qasam tal-liċenzji tas-sewqan (id-Direttiva 2006/126/KE) u tal-kwalifika inizjali u t-taħriġ perjodiku tas-sewwieqa ta' ċerti vetturi għat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri bit-triq (id-Direttiva 2003/59/KE). L-emendi deskritti hawn fuq jibqgħu fil-kompetenzi mogħtija lill-Unjoni skont l-Artikolu 91(1)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Skont din id-dispożizzjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iridu, filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura ta' kodeċiżjoni, jistabbilixxu miżuri biex itejbu s-sikurezza tat-trasport.

Ir-regoli proposti għandhom l-għan li jtejbu s-sikurezza fit-toroq bħala aspett tas-sikurezza tat-trasport, u fl-istess ħin jipprevedu l-integrazzjoni ekonomika u soċjali tal-persuni spostati minħabba l-gwerra tal-aggressjoni Russa fl-Ukrajna. Dawn il-miżuri huma maħsuba biex jiżguraw li l-persuni bi protezzjoni temporanja jgawdu l-libertà li jiċċaqilqu fl-Unjoni billi jsuqu vetturi bil-magna, u anke l-libertà li jaħdmu billi jwettqu l-attività professjonali tas-sewqan, filwaqt li jiżguraw li jagħmlu dan f'konformità mal-aspetti u l-istandards marbuta mas-sikurezza applikabbli fl-Unjoni.

L-objettiv ta' dan ir-Regolament ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri peress li jeħtieġ qafas regolatorju armonizzat u koordinazzjoni għal problema kkawżata mill-gwerra fl-Ukrajna li taffettwa lill-Unjoni Ewropea kollha kemm hi. Għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni.

- **Proporzjonalità**

Din l-azzjoni tal-Unjoni hija meħtieġa biex jintlaħaq l-objettiv tat-tħaddim xieraq tal-mekkaniżmi tal-protezzjoni temporanja previsti mill-partijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni, filwaqt li jitqiesu l-iskala u l-gravità tal-impatt tal-aggressjoni Russa mhux provokata u mhux ġustifikata kontra l-Ukrajna. Ir-Regolament propost fih miżuri temporanji mmirati li huma strettament relatati mas-sitwazzjoni attwali u limitati għal dak li huwa meħtieġ biex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali, is-sikurezza fit-toroq u l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta tikkonċerna dispożizzjonijiet speċifiċi li jaffettwaw l-applikazzjoni ta' diversi Direttivi. Id-dispożizzjonijiet tal-att propost jenħtieġ li japplikaw immedjatament u direttament biex jiggarantixxu ċ-ċertezza legali għall-operaturi tat-trasport u għal persuni

[7] ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12.

kkonċernati oħra, kif ukoll għall-awtoritajiet tal-Istati Membri. Għaldaqstant, dan l-att leġiżlattiv jenħtieġ li jieħu l-għamla ta' Regolament applikabbli direttament u ma jkunx jeħtieġ it-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Dawn ma japplikawx minħabba n-natura eċċezzjonali, temporanja u ta' darba tal-avveniment li jeħtieġ din il-proposta, li mhijiex marbuta mal-objettivi tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Minħabba l-urġenza tal-kwistjoni, ma twettqitx konsultazzjoni formali mal-partijiet ikkonċernati. Madankollu, saru erba' skambji informali tal-fehmiet mal-membri tal-Kumitat dwar il-liċenzji tas-sewqan (fis-17 ta' Marzu, fil-31 ta' Marzu, fit-13 ta' April u fit-12 ta' Mejju 2022) li jindirizzaw ukoll marġinalment il-każ taċ-ċertifikati ta' kompetenzi professjonali.

Il-konsultazzjoni kkonfermat in-nuqqas ta' omoġeneità regolatorja fejn jidħol ir-rikonoxximent tad-dokumenti uffiċjali tas-sewqan maħruġa minn pajjiżi terzi. Is-sitwazzjoni tvarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri peress li d-dispożizzjonijiet nazzjonali jirregolaw il-biċċa l-kbira tal-aspetti rilevanti. Minħabba l-kobor tas-sitwazzjoni u l-ħtieġa ta' miżuri immedjati, l-esperti tal-Istati Membri deherilhom li f'dan il-qasam hemm bżonn azzjoni mill-UE.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Kif spjegat, ma setax jinkiseb l-għarfien espert xieraq minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni, ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt. Din il-proposta fl-ebda każ ma tbiddel il-prinċipji u l-mekkaniżmi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni kkonċernata.

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta għandha l-għan li tiffaċilita l-moviment liberu fl-Unjoni tal-persuni bi protezzjoni temporanja jew protezzjoni adegwata skont il-liġi nazzjonali.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Mhux applikabbli.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux applikabbli.

2022/0204 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi miżuri speċifiċi u temporanji, fid-dawl tal-invażjoni Russa fl-Ukrajna, fir-rigward tad-dokumenti tas-sewwieqa maħruġa mill-Ukrajna f'konformità mal-leġiżlazzjoni tagħha**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[8],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[9],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Fl-24 ta' Frar 2022, il-forzi armati Russi bdew invażjoni fuq skala kbira fl-Ukrajna f'diversi postijiet mill-Federazzjoni Russa, mill-Belarussja u minn żoni tal-Ukrajna mhux ikkontrollati mill-gvern. Minħabba f'hekk, ċerti żoni sostanzjali tat-territorju Ukren issa huma żoni ta' kunflitt armat li minnhom ħarbu jew qed jaħarbu eluf ta' persuni.

(2) B'reazzjoni għal din l-aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata kontra l-Ukrajna, il-Kunsill stabbilixxa għall-ewwel darba l-eżistenza ta' influss bil-massa fl-Unjoni ta' persuni spostati li kellhom jitilqu mill-Ukrajna minħabba kunflitt armat f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE[10] permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tiegħu (UE) 2022/382[11] li tistabbilixxi l-kategoriji tal-persuni spostati fl-Unjoni li huma intitolati għal protezzjoni temporanja jew protezzjoni adegwata skont il-liġi nazzjonali.

[8] ĠU C , […], p. .

[9] ĠU C , […], p. .

[10] Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).

[11] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 tal-4 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influss bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja (ĠU L 71, 4.3.2022, p. 1).

(3) Liċenzja tas-sewqan ittejjeb il-mobbiltà tad-detentur tagħha u tiffaċilita l-ħajja ta' kuljum peress li tippermetti s-sewqan ta' vetturi bil-magna. Ċertifikat ta' kompetenza professjonali hu meħtieġ biex wieħed jaħdem bħala sewwieq professjonali fit-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri għal impriża stabbilita fl-Unjoni Ewropea. F'dan il-kuntest, iż-żewġ dokumenti jippromwovu l-parteċipazzjoni tal-persuni bi protezzjoni temporanja jew protezzjoni adegwata skont il-liġi nazzjonali fl-attivitajiet ekonomiċi u soċjali fl-ambjent il-ġdid tagħhom.

(4) F'konformità mal-Anness XXXII tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra[12], l-Ukrajna approssimat il-liġijiet tagħha għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13], b'mod partikolari biex tippermetti l-ħruġ taċ-ċertifikati ta' kompetenza professjonali korrispondenti lis-sewwieqa tal-karozzi tal-linja u tat-trakkijiet involuti f'operazzjonijiet internazzjonali.

(5) Il-Konvenzjoni dwar it-Traffiku fit-Toroq konkluża fi Vjenna fl-1968, ("il-Konvenzjoni dwar it-Traffiku fit-Toroq tal-1968"), li l-Ukrajna hija parti għaliha, tipprevedi ċerti regoli li jippermettu r-rikonoxximent tal-permessi tas-sewqan b'ċerti kundizzjonijiet; madankollu, mhux l-Istati Membri kollha huma Partijiet għal dik il-Konvenzjoni. Barra minn hekk, bħalissa ma jeżisti l-ebda qafas armonizzat tal-Unjoni għall-iskambju tal-liċenzji tas-sewqan jew taċ-ċertifikati ta' kompetenza professjonali maħruġa minn pajjiżi terzi bħall-Ukrajna. Ir-rekwiżiti marbuta mal-possibbiltà ta' skambju tal-liċenzji tas-sewqan huma fil-biċċa l-kbira stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri, jew fl-ambitu tal-ftehimiet bilaterali eżistenti bejn dawk l-Istati Membri u l-Ukrajna. Ir-rekwiżiti diverġenti bejn l-Istati Membri differenti tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tar-rikonoxximent tal-liċenzji tas-sewqan u taċ-ċertifikati ta' kompetenza professjonali, jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-ħajja u l-libertajiet tal-persuni spostati li qed jaħarbu mill-aggressjoni militari Russa fl-Ukrajna, fi żmien meta dawn il-persuni huma partikolarment vulnerabbli.

(6) Għalhekk f'dan il-kuntest jixraq ikun hemm qafas komuni tal-Unjoni applikabbli għar-rikonoxximent tal-liċenzji tas-sewqan maħruġa mill-Ukrajna u miżmuma mill-persuni bi protezzjoni temporanja jew protezzjoni adegwata skont il-liġi nazzjonali. Sabiex jitnaqqas il-piż fuq l-awtoritajiet tal-Istati Membri u fuq il-persuni bi protezzjoni temporanja jew protezzjoni adegwata skont il-liġi nazzjonali, jenħtieġ li l-liċenzji tas-sewqan maħruġa kif dovut mill-Ukrajna għal dawk il-persuni jibqgħu jiġu rikonoxxuti sakemm itul il-perjodu tal-protezzjoni temporanja tagħhom, mingħajr il-ħtieġa li d-detenturi tagħhom jiskambjawhom.

(7) Il-Konvenzjoni dwar it-Traffiku fit-Toroq tal-1968 tirrikjedi li d-detenturi tal-permessi tas-sewqan jippreżentaw permessi tas-sewqan internazzjonali biex id-drittijiet tas-sewqan tagħhom jiġu rikonoxxuti f'ċerti każijiet. Jistgħu jintalbu wkoll jippreżentaw traduzzjoni ċċertifikata tal-liċenzja tas-sewqan tad-detentur. Dawn ir-rekwiżiti jikkostitwixxu piż sproporzjonat fuq il-persuni spustati mill-Ukrajna, u aktarx ma jiġux osservati f'ħafna każijiet. Għalhekk, jenħtieġ li l-preżentazzjoni ta' dawn id-dokumenti ma tkunx meħtieġa fit-territorju tal-Unjoni mill-persuni bi protezzjoni temporanja jew protezzjoni adegwata skont il-liġi nazzjonali.

---

[12] ĠU L 161, 29.5.2014, p. 3.

[13] Id-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2003 dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għall-ġarr ta' merkanzija jew passiġġieri, li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u d-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 76/914/KEE (ĠU L 226 10.9.2003, p. 4).

(8) Minkejja l-fatt li l-Ukrajna diġà approssimat il-liġi nazzjonali tagħha għad-Direttiva 2003/59/KE għas-sewwieqa involuti f'operazzjonijiet tat-trasport internazzjonali, is-sewwieqa professjonali Ukreni li qed ifittxu impjieg ma' impriża tat-trasport bit-triq stabbilita fl-Unjoni xorta jeħtiġilhom jiksbu ċertifikat ta' kompetenza professjonali maħruġ minn Stat Membru. Għalhekk,l-Istati Membri li jkun biħsiebhom joħorġu ċertifikat speċifiku ta' kompetenza professjonali lill-persuni bi protezzjoni temporanja jew protezzjoni adegwata skont il-liġi nazzjonali u li jkollhom ċertifikati ta' kompetenza professjonali maħruġa mill-Ukrajna f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Ukrajna, jenħtieġ li jkunu jistgħu joħorġu kard ta' kwalifika tas-sewwieqa kif imsemmi fid-Direttiva 2003/59/KE, jew li jimmarkaw il-kodiċi temporanju speċjali tal-Unjoni "95.01" fuq il-liċenzja tas-sewqan rilevanti, għall-persuni kkonċernati biex detentur ta' ċertifikat ta' kompetenza professjonali maħruġ mill-Ukrajna kif definit fl-Artikolu 2(b) jingħata l-istess drittijiet bħall-persuni kkwalifikati biex iwettqu l-attività tas-sewqan koperta mill-Artikolu 1 tad-Direttiva 2003/59/KE. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw regoli nazzjonali li jistabbilixxu l-ambitu u t-tul ta' żmien ta' taħriġ obbligatorju kumplimentari u ta' test sussegwenti, sabiex jiġi żgurat li l-persuni kkonċernati jissodisfaw l-istandards relatati mal-kwalifika inizjali u t-taħriġ perjodiku kif definit fid-Direttiva 2003/59/KE. F'każ ta' dikjarazzjoni ta' telf jew ta' -serq ta' ċertifikat ta' kompetenza professjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jivverifikaw ukoll, inkluż mal-awtoritajiet kompetenti tal-Ukrajna, li l-persuna kkonċernata għandha ċertifikat validu ta' kompetenza professjonali maħruġ mill-Ukrajna, qabel joħorġu dak iċ-ċertifikat speċifiku ta' kompetenza professjonali.

(9) Peress li l-liċenzji tas-sewqan u ċ-ċertifikati ta' kompetenza professjonali spiss ikollhom perjodu limitat ta' validità, dawn jeħtieġ jiġġeddu b'mod regolari. Il-kuntest attwali ma jippermettix li l-Ukrajna twettaq il-kompiti tagħha b'mod normali, u għalhekk din tista' ma tkunx f'pożizzjoni li ġġedded d-dokumenti amministrattivi eżistenti. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jirrikonoxxu kwalunkwe deċiżjoni possibbli adottata jew li trid tiġi adottata mill-Ukrajna biex iġeddu d-dokumenti tas-sewqan li l-validità tagħhom tkun skadiet jew se tiskadi, sakemm itul il-perjodu tal-protezzjoni temporanja. Jenħtieġ li l-Ukrajna tinforma b'mod adegwat lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha dwar dawn id-deċiżjonijiet.

(10) Waqt li jkunu qed jaħarbu mill-gwerra, ħafna drabi l-persuni jintilfulhom jew jinsterqulhom il-liċenzji tas-sewqan, jew inkella jħalluhom warajhom fiż-żona tal-gwerra mingħajr il-possibbiltà immedjata li jirkuprawhom. F'dawn il-każijiet, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew joħorġu liċenzji tas-sewqan temporanji li jissostitwixxu lil dawk oriġinali għall-perjodu tal-protezzjoni temporanja, dment li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jkunu f'pożizzjoni li jivverifikaw l-informazzjoni pprovduta mill-persuni spostati, eż. billi jaċċessaw ir-reġistri nazzjonali tal-Ukrajna. Jenħtieġ li dawn id-dokumenti jiġu rikonoxxuti b'mod reċiproku fl-Unjoni, u jenħtieġ li l-validità amministrattiva tagħhom ma taqbiżx il-perjodu tal-protezzjoni temporanja.

(11) Il-ġlieda kontra l-frodi u l-falsifikazzjoni hija strumentali biex jinżammu s-sikurezza fit-toroq u l-infurzar tal-liġi. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li bħala parti mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' koordinazzjoni għal ġlieda effiċjenti kontra l-frodi u l-falsifikazzjoni.

(12) Billi l-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom iżda, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni għandha tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju tal-

proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

***Suġġett***

Dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri speċifiċi u temporanji applikabbli għad-dokumenti tas-sewwieqa maħruġa mill-Ukrajna f'konformità mal-leġiżlazzjoni tagħha u miżmuma mill-persuni bi protezzjoni temporanja jew protezzjoni adegwata skont il-liġi nazzjonali f'konformità mad-Direttiva 2001/55/KE u mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382.

*Artikolu 2*

***Definizzjonijiet***

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "dokumenti tas-sewwieqa" tfisser:

(a) liċenzji tas-sewqan maħruġa mill-Ukrajna, li jagħtu prova tal-kundizzjonijiet li skonthom sewwieq hu awtorizzat isuq skont il-liġi tal-Ukrajna;

(b) ċertifikati ta' kompetenza professjonali maħruġa mill-Ukrajna f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha adotta biex tiġi implimentata d-Direttiva 2003/59/KE, skont l-Artikolu 368(1) u l-Anness XXXII tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, għas-sewwieqa tal-vetturi tat-triq involuti fit-trasport internazzjonali tal-prodotti jew tal-passiġġieri bit-triq li huma fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva.

*Artikolu 3*

***Rikonoxximent tal-liċenzji tas-sewqan maħruġa mill-Ukrajna***

1. Il-liċenzji tas-sewqan validi maħruġa mill-Ukrajna għandhom jiġu rikonoxxuti fit-territorju tal-Unjoni meta d-detenturi tagħhom ikollhom protezzjoni temporanja jew protezzjoni adegwata skont il-liġi nazzjonali f'konformità mad-Direttiva 2001/55/KE u mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382, mill-inqas sal-mument meta l-protezzjoni temporanja ma tibqax tapplika.

2. Meta persuna bi protezzjoni temporanja jew protezzjoni adegwata skont il-liġi nazzjonali jkollha liċenzja tas-sewqan kif imsemmi fil-paragrafu 1, l-Istati Membri ma għandhomx jirrikjedu l-preżentazzjoni ta' traduzzjoni ċċertifikata tal-liċenzja jew tal-permess tas-sewqan internazzjonali msemmi fl-Artikolu 41(1) tal-Konvenzjoni dwar it-Traffiku fit-Toroq konkluża fi Vjenna fl-1968.

*Artikolu 4*

***Ċertifikati ta' kompetenza professjonali***

1. Meta jintalab minn detentur ta' ċertifikat ta' kompetenza professjonali maħruġ mill-Ukrajna kif definit fl-Artikolu 2(b), meta dan id-detentur ikollu protezzjoni temporanja jew protezzjoni adegwata skont il-liġi nazzjonali f'konformità mad-

Direttiva 2001/55/KE u mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382, l-Istat Membru li fih dak id-detentur ikun kiseb il-permess tar-residenza temporanju jew li fih ikollu protezzjoni adegwata skont il-liġi nazzjonali jista':

(a) b'deroga mill-punt 12 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/126/KE, jimmarka l-kodiċi temporanju speċjali tal-Unjoni "95.01", segwit mid-data tal-iskadenza tiegħu fil-kaxxa 12 fuq in-naħa ta' wara tal-liċenzja tas-sewqan tal-persuna kkonċernata, dment li l-persuna jkollha liċenzja tas-sewqan skont il-mudell tal-Unjoni maħruġa minn dak l-Istat Membru; jew

(b) joħroġ kard ta' kwalifika tas-sewwieqa lil dik il-persuna bil-kodiċi temporanju speċjali tal-Unjoni "95.01", segwit mid-data tal-iskadenza tiegħu fil-kaxxa 10 fuq in-naħa ta' wara dik il-kard ta' kwalifika tas-sewwieqa kif imsemmi fl-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2003/59/KE.

Dawn il-kards ta' kwalifika tas-sewwieqa għandhom jinħarġu biss u l-liċenzji tas-sewqan għandhom jiġu mmarkati biss meta d-detenturi tagħhom ikollhom protezzjoni temporanja jew protezzjoni adegwata skont il-liġi nazzjonali f'konformità mad-Direttiva 2001/55/KE u mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382.

2. Il-kards ta' kwalifika tas-sewwieqa u l-marka fuq il-liċenzji tas-sewqan imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti(a) u (b), għandhom ikunu rikonoxxuti b'mod reċiproku fit-territorju tal-Unjoni. Id-detenturi ta' dawn il-kards ta' kwalifika tas-sewwieqa jew ta' dawn il-liċenzji tas-sewqan immarkati għandhom jitqiesu li jissodisfaw ir-rekwiżit ta' kwalifika inizjali obbligatorja meħtieġa biex iwettqu l-attività tas-sewqan stabbilita fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/59/KE.

3. Il-validità amministrattiva ta' dawn il-kards ta' kwalifika tas-sewwieqa jew assoċjata mal-kodiċi temporanju speċjali tal-Unjoni mmarkat fuq il-liċenzji tas-sewqan ma għandhiex taqbeż la l-perjodu tal-protezzjoni temporanja fir-rigward tal-persuni spostati mill-Ukrajna, kif imsemmi fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2001/55/KE, la l-perjodu tal-protezzjoni temporanja jew tal-protezzjoni adegwata skont il-liġi nazzjonali tad-detentur, u lanqas il-perjodu ta' validità tal-liċenzja tas-sewqan, skont liema jiskadi l-ewwel.

F'każ li l-protezzjoni temporanja tiġi estiża f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2001/55/KE, dokument maħruġ f'konformità mal-paragrafu 1 għandu jiġġedded kif xieraq mill-Istat Membru li fih id-detentur tad-dokument ikun ingħata permess tar-residenza temporanju jew li fih ikollu protezzjoni adegwata skont il-liġi nazzjonali.

4. Qabel ma joħorġu l-kard ta' kwalifika tas-sewwieqa msemmija fil-paragrafu 1 jew jimmarkaw il-kodiċi temporanju speċjali tal-Unjoni "95.01" fuq il-liċenzja tas-sewqan imsemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li d-detentur taċ-ċertifikat ta' kompetenza professjonali msemmi f'dak il-paragrafu jieħu taħriġ obbligatorju kumplimentari konkluż b'test biex jivverifikaw li s-sewwieq għandu l-livell ta' għarfien meħtieġ skont it-taqsima 1 tal-Anness I tad-Direttiva 2003/59/KE.

Il-perjodu tat-taħriġ obbligatorju kumplimentari ma għandux jaqbeż is-60 siegħa, u jkun jinkludi mill-inqas 10 sigħat ta' sewqan individwali kif speċifikat fil-punt 2.1 tat-Taqsima 2 tal-Anness I tad-Direttiva 2003/59/KE.

Fi tmiem dak it-taħriġ, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew l-entità maħtura minnhom għandhom jagħmlu test bil-miktub jew orali lis-sewwieq.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar ir-regoli nazzjonali adottati skont dan l-Artikolu qabel ma joħorġu l-kard ta' kwalifika tas-sewwieqa jew qabel ma jimmarkaw il-liċenzja tas-sewqan imsemmija fil-paragrafu 1.

5. Fil-każ li ċertifikat ta' kompetenza professjonali kif definit fl-Artikolu 2(b) miżmum minn persuna bi protezzjoni temporanja jew protezzjoni adegwata skont il-liġi nazzjonali f'konformità mad-Direttiva 2001/55/KE u mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382 jintilef jew jinsteraq, l-Istat Membru li fih dik il-persuna tkun ingħatat permess tar-residenza temporanju jew li fih ikollha protezzjoni adegwata skont il-liġi nazzjonali jista' jivverifika, meta jintalab minn dik il-persuna, inkluż mal-awtoritajiet kompetenti tal-Ukrajna, li dik il-persuna hija d-detentur ta' ċertifikat validu ta' kompetenza professjonali maħruġ mill-Ukrajna f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha u li dik il-persuna ma għandhiex dokument immarkat jew maħruġ f'konformità mal-paragrafu 1 minn Stat Membru ieħor.

Wara li jwettaq dik il-verifika, l-Istat Membru kkonċernat jista' joħroġ il-kard ta' kwalifika tas-sewwieqa jew jimmarka l-kodiċi speċjali temporanju tal-Unjoni "95.01" fuq il-liċenzja tas-sewqan, f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2.

6. L-Istati Membri ma għandhomx iġeddu kard ta' kwalifika tas-sewwieq jew jimmarkaw il-kodiċi temporanju speċjali tal-Unjoni "95.01" fuq liċenzja tas-sewqan imsemmija fil-paragrafu 1, jekk id-detentur tagħha ma jkunx għad għandu protezzjoni temporanja jew protezzjoni adegwata skont il-liġi nazzjonali f'konformità mad-Direttiva 2001/55/KE u mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382.

### *Artikolu 5*
### ***Estensjoni tal-validità ta' dokumenti tas-sewwieqa skaduti maħruġa mill-Ukrajna***

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1, meta l-Ukrajna tadotta deċiżjonijiet biex testendi l-validità tad-dokumenti tas-sewwieqa skaduti li tkun ħarġet, l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu dawk id-deċiżjonijiet, dment li l-Ukrajna tinforma lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha.

### *Artikolu 6*
### ***Liċenzji tas-sewqan maħruġa mill-Ukrajna mitlufa jew misruqa***

1. Meta persuna bi protezzjoni temporanja jew protezzjoni adegwata skont il-liġi nazzjonali f'konformità mad-Direttiva 2001/55/KE u mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382 tiddikjara li tilfet jew insterqitilha l-liċenzja tas-sewqan tagħha, l-Istat Membru li fih dik il-persuna tkun ingħatat permess tar-residenza temporanju jew li fih ikollha protezzjoni adegwata skont il-liġi nazzjonali għandu jivverifika, meta jintalab minn dik il-persuna, inkluż mal-awtoritajiet kompetenti tal-Ukrajna, id-drittijiet tas-sewqan miksuba minn dik il-persuna f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli fl-Ukrajna u li l-ebda Stat Membru ieħor ma jkun diġà ħareġ liċenzja tas-sewqan lil dik il-persuna f'konformità ma' dan l-Artikolu, b'mod partikolari biex jaċċerta li l-liċenzja tas-sewqan ma tkunx ġiet ristretta, sospiża jew irtirata.

2. B'deroga mill-Artikolu 11(6) tad-Direttiva 2006/126/KE, wara li jwettaq il-verifika msemmija fil-paragrafu 1, Stat Membru jista' joħroġ liċenzja tas-sewqan tal-istess kategorija jew kategoriji lill-persuna kkonċernata abbażi tal-mudell tal-Unjoni

stabbilit fl-Anness I tad-Direttiva 2006/126/KE. F'dan il-każ, u b'deroga mill-punt 12 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/126/KE, fil-liċenzja tas-sewqan l-Istati Membri għandhom jintroduċu kodiċi temporanju speċjali tal-Unjoni 99.01 fil-kaxxa 12, li għandu jfisser "*Ħruġ speċjali validu biss għall-perjodu tal-protezzjoni temporanja (liċenzja Ukrena mitlufa jew misruqa)*".

3. Il-liċenzja tas-sewqan imsemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun rikonoxxuta b'mod reċiproku fl-Unjoni. Il-validità amministrattiva tagħha ma għandhiex taqbeż la l-perjodu tal-protezzjoni temporanja fir-rigward tal-persuni spostati mill-Ukrajna, kif imsemmi fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2001/55/KE, u lanqas il-perjodu tal-protezzjoni temporanja jew tal-protezzjoni adegwata skont il-liġi nazzjonali tad-detentur, skont liema jiskadi l-ewwel.

   F'każ li l-protezzjoni temporanja tiġi estiża f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2001/55/KE, liċenzja tas-sewqan maħruġa f'konformità mal-paragrafu 2 għandha tiġġedded kif xieraq mill-Istat Membru li fih id-detentur tad-dokument ikun ingħata permess tar-residenza temporanju jew li fih ikollu protezzjoni adegwata skont il-liġi nazzjonali.

4. Meta ma jkunx possibbli li titwettaq il-verifika msemmija fil-paragrafu 1, l-Istat Membru inkwistjoni ma għandux joħroġ il-liċenzja tas-sewqan imsemmija fil-paragrafu 2. F'dak il-każ, l-Istat Membru jista' joħroġ liċenzja tas-sewqan valida esklussivament fit-territorju tiegħu lill-persuna kkonċernata, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu, u din għandha tkun differenti mill-mudell stabbilit fl-Anness I tad-Direttiva 2006/126/KE.

5. L-Istati Membri ma għandhomx iġeddu liċenzja tas-sewqan imsemmija fil-paragrafu 2 fil-każ li d-detentur tagħha ma jkunx għad għandu protezzjoni temporanja jew protezzjoni adegwata skont il-liġi nazzjonali f'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382.

*Artikolu 7*

***Prevenzjoni tal-frodi u l-falsifikazzjoni***

Meta japplikaw dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jużaw il-mezzi kollha xierqa biex jipprevjenu u jiġġieldu l-frodi u l-falsifikazzjoni tad-dokumenti tas-sewwieqa, inkluż billi jivverifikaw id-drittijiet assoċjati ma' dawk id-dokumenti.

L-Istati Membri ma għandhomx japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għad-dokumenti tas-sewwieqa maħruġa mill-Ukrajna b'format elettroniku jekk ma jkunux jistgħu jivverifikaw l-awtentiċità, l-integrità u l-validità tagħhom.

*Artikolu 8*

***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni***

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Dan ir-Regolament għandu jieqaf japplika mill-għada tal-jum meta jintemm il-perjodu ta' applikazzjoni tal-protezzjoni temporanja fir-rigward tal-persuni spostati mill-Ukrajna, kif imsemmi fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2001/55/KE, f'konformità mal-Artikolu 6 ta' dik id-Direttiva.

3. Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |